HAL BALZAN

ID-DISA' SENA Nru. 50 — JANNAR/MARZU 1980

EDITORJAL

GHEZIEZ BALZANIN . . .

Balzanin,

Għaddew disa' snin minn meta ġiet ippubblikata l-ewwel ħarġa ta' din il-gazzetta bl-inizjattiva tal-Kumitat Ċiviku, li dak iż-żmien kien iħabrek sewwa ġo Hal Balzan. Jekk tiftakru tajjeb, l-ewwel ħarġa tal-gazzetta deħret f'idejn il-Balzanin fil-festa ta' Settembru 1971. Din għalina kienet xi ħaġa kbira, tant li saħansitra ritratt ta' l-istess gazzetta kien deher fuq it-television waqt l-aħbarijiet.

Għal disa' snin sħaħ, il-gazzetta twasslet wara biebkom minn-nies li qassmuha volontarjament. Għal disa' snin sħaħ, dan il-bord talab donazzjonijiet volontarji biex ikun jista' jlaħħaq ma' l-ispejjeż ta' l-istampa tagħha li minn sena għal oħra baqa' dejjem jogħla. Biżżejjed ngħidu li bħal issa qegħdin inħallsu madwar erbgħin lira għal kull ħarġa. In-numru ta' gazzetti li nistampaw baqa' dejjem ta' elf, biex b'hekk inlaħħqu sewwa mad-domanda tagħha. Aħna nħossuna kburin li l-gazzetta "Hal Balzan" titqassam mhux biss ma' Hal Balzan kollu, iżda saħansitra tmur barra minn Malta, f'pajjiżi fejn ħutna Balzanin siefru biex jaqilgħu l-għejxien tagħhom. Inħossuna kburin meta niftakru li kopja ta' kull ħarġa tinsab fil-libreriji ewlenin ta' Malta. Fuq kollox, ma rridux ninsew li t-tfal Balzanin jużaw il-gazzetta biex jagħmlu proġetti dwar raħal twelidhom kif ukoll biex ikunu jafu aktar dwar Hal Balzan.

Għal disa. snin sħaħ rajna xi ftit nies jitbiddlu fuq il-Bord, għalkemm uħud minnhom baqgħu dejjem l-istess. Fuq dawn in-nies, anzi ġieli fuq wieħed biss, kien jaqa' x-xogħol kollu. Xogħol ta' gazzetta mhux ċajta. Trid tiġbor l-artikli, tittajpjahom u tikkoreġihom, teħodhom l-istamperija, tagħmel il-qari tal-provi, tqassam ix-xogħol fuq id-"dummy" terġa' tieħu kollox għand l-l-istampatur, tiġbor ir-riklami. Fl-aħħar u mhux l-anqas, trid tqassam il-kopji tal-gazzetta lil dawk li jkunu se jqassmuhom wara l-bibien. Iżda dan mhux biżżejjed! Jibdew ukoll jinqalgħu l-problemi, bħal nuqqas ta' idejat u, l-aktar fost kollox, il-problema tal-finanzi. Biex l-oġġett jibqa' sejjer irid ikollok il-flus biex iżżommu. Din hija waħda mill-akbar problemi li għandna. Li nibqgħu niġbru r-riklami mhux biżżejjed. Lanqas il-ftit flus li ndaħħlu mid-donazzjonijiet m'huma biżżejjed. Għalhekk, hemm bżonn insibu xi wħud minn fost il-Balzanin ta' qalbhom tajba li jgħinuna biex inkunu nistgħu nkomplu bix-xogħol li bdejna disa' snin ilu — jiġifieri li nibqgħu nippubblikaw din il-gazzetta.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem għal kull offerta li tagħtuna.

Dejjem tagħkom,
Il-Board Editorjali.

HOLEX DIABETIC PRODUCTS

FOR SUGAR RESTRICTED DIETS

THE NAME YOU CAN TRUST

HOLEX DIABETIC PRODUCTS

Trade Enquiries:

Mc ALLEF COMPANY LIMITED

Tel. 26762

F'għeluq il-mitt sena mit-twelid ta'

DUN GORG PRECA

Fundatur tal-Museum


Is-sena 1980 se tibqa' mfakkra mis-Soċjeta' tad-Duttrina Nisranija, anzi minn Malta kollha, — Dun Ġorġ m'huwiex tal-membri tal-Museum biss imma tal-Maltin ilkoll — bħala s-"Sena ta' Dun Ġorġ". Dan għaliex sewwasew fit-12 ta' Frar ta' din is-sena jaħbat l-ewwel ċentinarju mit-twelid ta' dan il-bniedem kbir, il-pijunier ta' l-apostolat tas-sekulari f'pajjiżna. Bnedmin ta' l-istatura ta' Dun Ġorġ huma rari ħafna fl-istorja ta' nazzjon; u għalhekk bir-raġun kollu jitfakkar dan l-avveniment li, nistgħu ngħidu, jimmarka l-għarfien u l-apprezzament tal-ħidma ta' dan is-saċerdot u l-Għaqda tiegħu. L-importanza ta' dan l-avveniment irridu nħarsu lejha fil-kuntest ta' l-opra mwaqqfa minnu, u forsi għalhekk kemm il-Knisja kif ukoll il-Gvern ma naqsux li jingħaqdu fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan iċ-ċentinarju u li jagħtuh l-importanza li tixraqlu. Il-preżenza tal-għaxriet ta' saċerdoti li kkonċelebraw ma l-isqfijiet tagħna f'San Ġwann nhar it-12 ta' Frar, u l-ħruġ ta' bolla kommemorattiva mill-Posta ta' Malta fit-12 t'April, nistħajjilhom is-siġill ta' l-apprezzament tal-ħidma ta' Dun Ġorġ kemm mill-Knisja kif ukoll mill-Awtorita' Ċivili.

Min kien Dun Ġorġ, u x' għamel għal Malta?

Twieled fi żmien meta Malta kienet teħtieġu. Il-għamad ta' l-injuranza reliġjuża kien xi ħaġa li ma titwemminx, u kulħadd kien donnu hieni u b' moħħu mistrieħ billi l-kotra tal-Maltin kienet għadha tmur bi ħġarha l-knisja u medhija bil-festi u l-purċissjonijiet. Kienu żmenijiet oħra, meta Malta kienet għadha maqtugħa mill-kurrenti li kienu qed jinħassu fil-bqija ta' l-Ewropa. Ir-riħ tal-bidla fil-mentalità tal-poplu kien għadu xi ftit 'il bogħod, u ftit kienu dawk — jekk kien hawn — li raw minn qabel li Malta tas-seklu XX mhix se tibqa' gżira, li se tibda tagħmel sehem mid-dinja aktar minn qatt qabel, u għalhekk mat-tajjeb ikollha titqanna wkoll bil-ħażin li l-progress u l-kuntatt ma' ġnus oħra jġibu magħhom.

Dun Ġorġ kien il-profeta ta' Malta nisranija tas-seklu XX. Ta' għaref li kien, għaref u qaddis, intebaħ li jekk il-poplu Malti ma jintrefax mill-għera reliġjuża tiegħu, kien se jiġrilu li jittieħed għal għarrieda mill-mewġ tal-materjaliżmu u mid-duttrina sekularista li kien qed joqrob ġmielu lejn xtutna u li kien iheddeḍ li jġarraf it-twemmin tagħna, li fil-qofol tiegħu kien superfiċjali. It-tagħlim biss kellu jkun is-sur li jħares il-fidi nisranija ta' gżiritna. Dun Ġorġ ħabb lil Malta, u għax ħabbha ried igħallimha.

Fil-qasam tat-tagħlim nisrani, Dun Ġorġ esperimenta, u l-esperiment irnexxa. Li d-duttrina tkun mgħallma lill-poplu ta' bla skola minn nies imħarrġin mill-istess poplu



kien esperiment ta' riskju li jitlob kuraġġ u qdusija. Dak li llum, wara l-Konċilju Vatikan II, naċċettawh bħala parti minn ħajjitna,, fl-ewwel għoxrin sena tas-seklu ma kienx hekk. U għal Dun Ġorġ u l-membri ewlenin tal-Għaqda tiegħu, it-triq xejn ma kienet watja. L-ideja li s-sekulari, wara ġurnata xogħol, imorru jgħallmu l-Kelma t'Alla lil ulied il-poplu, u mbagħad dawn l-istess 'katekisti' jissuktaw jitgħallmu u jiddiskutu bejniethom it-tejoloġija, ħadd ma kien għadu ħolom biha qabel. Iżda ż-żmien tah raġun lil Dun Ġorġ, u llum jidher biċ-ċar kemm dan il-bniedem kien qabel żmienu fl-idejat tiegħu.

Dun Ġorġ kien mexxej li ġibed għal warajh armata siekta ta' ġuvintur u xebbiet, armata li ġenninha wara l-idejal tiegħu, li kien l-istess idejal ta' Kristu. Ma kienx mexxej li jimponi l-idejat tiegħu jew li jmexxi bil-forza; bħal Kristu, "ma jiksirha ma' ħadd, ma jgħollix leħnu, ħadd ma jisma' leħnu fil-pjazez." Għalkemm meta tkellem fil-pjazez u fl-imsieraħ tagħna ġibed lill-kotra għal warajh! Dun Ġorġ kien mexxej li jibni fuq il-konvinzjoni u l-imħabba, fuq il-persważjoni u t-tagħlim. Kien il-bniedem li ħafna żgħażagħ ma setgħux ma jintrebħux mil-'leadership' tiegħu.

X'kien is-sigriet tal-'leadership' ta' Dun Ġorġ? Qalb mixgħula bl-imħabba lejn Alla, ħeġġa kbira biex Alla jkun maħbub u meqjum bl-ispirtu

• għal paġna 4

BORD EDITORJALI — "HAL BALZAN"

Minn din is-sena, il-Bord Editorjali żdied b'dawn is-sinjuri:

Adrian Camilleri Flores, B.A. (Hons.)
2, St. Paul Flats, Triq Ġdida fi Triq it-Tliet Knejjes, Hal Balzan. Tel. 48093

John Micallef,
'Casa Sta Rita', Triq it-Tliet Knejjes, Hal Balzan.

Lawrence Scicluna,
2, Triq San Rokku, Hal Balzan.

'HAL BALZAN'

Toħroġ mill-

BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda "San Gabriel" Ħal Balzan.

Stampat fil-Lux Press Ħamrun.

X'GARA FOSTNA

OTTUBRU 1979

Fl-ewwel jiem tax-xahar t'Ottubru, fil-Parroċċa saru sensiela ta' taħditiet fuq il-kobor u l-qdusija ta' l-Isem t'Alla u l-kruha tad-dagħa. Dawn saru fil-każini kollha tar-raħal mix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla; il-Ġimgħa, 5 tax-xahar, fi Triq Providenza sar 'filshow' mill-istess Xirka.

Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju saret nhar il-Ħadd, 7 t'Ottubru; biss il-purċissjoni devota bis-sehem tal-għaqdiet u l-poplu saret is-Sibt, 6 mix-xahar, li kien jaħbat ukoll l-ewwel Sibt tax-xahar.

Nhar il-Ħamis, 25 t'Ottubru, maltemp qawwi u xita bilqliel laqtu lill-gżejjer tagħna, u bosta kienu l-inħawi f'pajjiżna li ntlaqtu ħażin u ġarrbu ħsarat kbar minħabba l-għarar. F'Ħal Balzan, l-inħawi li sofrew l-aktar kienu n-naħiet tal-wied, billi hemm jiltaqgħu l-ilmijiet li jkunu ġejjin mill-Mosta u n-Naxxar. Bosta karozzi li kienu pparkjati f'Wied Ħal Balzan inġarru mill-ilma u kont tara familji sħaħ jixkupaw 'il barra l-ilma li daħlilhom fi djarhom. Ta' min jirringrazzja 'l Alla li minkejja kollox dan l-għarar ma ħalliex effett aktar koroh.

NOVEMBRU 1979

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Novembru, sar it-tberik taċ-Ċimiterju. F'dan il-jum u fil-bqija tax-xahar ta' Novembru, il-Balzanin żaru ċ-ċimiterju tal-Parroċċa u ftakru fit-talb tagħhom f'ħuthom mejtin. Fil-Knisja Parrokkjali wkoll saru l-uffiċċjaturi għas-saċerdoti mejtin, għall-benefatturi u għall-imseħbin fil-fratellanzi.

Il-Ħadd, 18 ta' Novembru, fil-għodu saret laqgħa spiritwali għall-irġiel għand is-sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija. Il-laqgħa bdiet b'quddiesa, u kompliet bit-tè u diskussjoni. Laqgħat bħal dawn ta' min jinkoraġġihom għax iħallu ħafna ġid.

Laqgħat simili jsiru nhar ta' Erbgħa fil-għodu għan-nisa fid-dar "Ir-Ragħaj Tiegħi", għand is-sorijiet tal-Bon Pastur. Dawn il-laqgħat ikunu varjati, bejn reliġjużi u soċjali. Ta' min iħajjar lin-nisa sabiex jattendu dawn il-laqgħat f'ħinijiet mill-aktar konvenjenti għalihom.


DIĊEMBRU 1979

Nhar il-Ħadd, 9 ta' Diċembru, il-Kunsill Parrokkjali ta' Ħal Balzan organizza Seminar ta' ġurnata għall-membri u għall dawk kollha li jinteressaw ruħhom fil-ħajja tal-Parroċċa. Dan is-Seminar, li kellu bħala suġġett: "Il-Parroċċa, Komunità ta' Fidi, Komunità ta' Mħabba", sar f'Mount St. Joseph. (Għal rapport dettaljat ta' dan is-seminar, ara paġna 3 ta' din il-gazzetta).

Bejn nhar it-Tlieta, 11 ta' Diċembru, u l-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru, saru l-festi ġubilari f'għeluq il-25 sena minn meta l-Kan. Karm Sciberras laħaq kappillan tal-Parroċċa. (Ara l-gazzetta "Ħal Balzan", Settembru/Diċembru 1979).

Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru, il-membri tal-Museum tas-subien tal-Parroċċa organizzaw jum ta' talb u diskussjoni f'Mount St. Joseph.

FOR BEST COLOUR PRINTS TUDOR PRECESSING IS THE ANSWER



Look for the shop with the TUDOR ROSE



VICAJO COMPANY LIMITED
62A, PRECA STREET, LIJA
Telephone: 45912
A FREE FILM WITH EVERY FILM PROCESSED

IL-KNISJA PARROKKJALI (38)

IL-VIA SAGRA

Meta konna ktibna dwar l-artal tal-Kurċifiss, konna għedna li qalb l-iskultura artistika li kienet iddur ma' l-artal kien hemm ħmistax-il kwadru żgħir li f'kull wieħed kien hemm impitter stazzjon tal-Via Sagra u wieħed minn dawn il-kwadri kien juri l-aħħar Ċena. (1) **Dan juri ċar li d-devozzjoni lejn il-Passjoni tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu ġewwa Ħal Balzan kienet minquxa fil-qalb tan-nies ta' din il-Parroċċa. It-tagħrif dwar il-kwadri ta' madwar il-Kurċifiss insibuh fil-Viżta Pastorali li kien għamel lil din il-Knisja Parrokkjali l-Isqof Mons. Jacohus Canaves, nhar it-28 ta' Ottubru 1716.** (2)

Iżda l-ewwel ħjiel dwar il-kwadri ta' l-Istazzjonijiet tal-Via Sagra jew tal-"Via Crucis" (it-Triq tas-Salib) kif imqassmin fiż-żewġ kappelluni tal-Knisja, f'dak tar-Rużarju u fl-ieħor tal-Kurċifiss, insibuh mogħti lilna fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li għamel lil din il-Knisja, l-Isqof Mons. Vincenzo Labini, nhar l-4 ta' Ġunju 1783. F'din il-viżta, l-Isqof insista ħafna li mill-aktar fis ifittxu jsiru l-kwadri ta' l-istazzjonijiet, kif ukoll jitqiegħdu f'posthom. Fl-istess relazzjoni, insibu mniżżla l-ismijiet tal-benefatturi li ħarġu l-flus għal dawn il-kwadri. Fost dawk li taw l-offerti tagħhom, insibu lill-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Pietru Decelis, u l-qassisin: Dun Pietdu Pawl Gatt, Dun Ġianmari Schembri, Dun Salv Sammut, Dun Pietru Schembri, Dun Indri' Fenech, u l-Kjeriċi Pietru Borg, Lorenzo Zammit u Publiju Cutajar. Nafu wkoll li Dun Indri' Magri, li kien inħatar Prokuratur tal-Via Crucis, ħallas is-somma kollha għas-Sitt Stazzjon. (3)

Fil-ktieb tal-kontijiet tal-Knisja "Via Crucis 1784 — 1895", insibu tagħrif ta' interess dwar il-kwadri ta' l-istazzjonijiet kif ukoll dwar il-festa tal-Via Sagra. L-ewwel ma nsibu hu li l-pittura tal-kwadri ta' l-istazzjonijiet saret ġewwa Ruma fis-sena 1784 u li din il-pittura qamet 139 skud u 6 tari'. Il-gwarniċi ta' l-injam saru mill-mastrudaxxa Mikiel Catania. Dwar l-iskultura u l-indoratura tal-gwarniċi nafu li qamu 98 skud.

Kif il-kwadri ta' l-Istazzjonijiet kienu lesti, ġew imqiegħda u mbierka fis-sena 1784 mir-Revdu Patri Ferdinandu minn Malta ta' l-Ordni Franġiskan (ta' Ġieżu) u assistit minn Patri Bianchi O.F.M. (4)

Għad li l-kwadri tal-Via Sagra tqiegħdu fl-1784, il-permess għat-tqegħid tagħhom kien ilu li ngħata sentejn qabel. Tant hu hekk li nafu li fl-1 ta' Marzu 1782 il-W.R. Ġeneral tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, Fra Baskal, ta l-kunsens tiegħu għat-tqegħid tal-Via Crucis f'din il-Parroċċa ta' Ħal Balzan. Id-digriet mill-Kurja ta' l-Arċisqof għat-tberik u għat-tqegħid tal-Via Crucis ġie approvat u iffirmat minn Mons. Francesco Decaro Camilleri nhar is-27 ta' Ottubru 1784. (5)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

TIŻJIN TA' L-ISTAZZJONIJIET

Sa minn mindu tqiegħdu l-Istazzjonijiet tal-Via Sagra, fl-1784, dawn il-kwadri sarulhom żewġ brazzi tar-ram quddiem kull wieħed. (6)

Wieħed u tletin sena wara, il-gwarniċi tal-kwadri ġew mill-ġdid indurati. Il-prokuratur, Dun Salv Sammut, nhar il-5 ta' Mejju 1815 ħallas lill-induratur Agostino Schembri s-somma ta' 315-il skud għall-indoratura tal-gwarniċi. (7)

F'April tal-1816 sar salib ġdid tal-Via Sagra.

Aktar tard inħass il-bżonn li l-Istazzjonijiet isirulhom brazzi ġodda. Għalhekk ġie mqabbad Mastru Kalċidon Busuttil, li fid-9 ta' April 1893, irċieva minn għand il-prokuratur Baskal Muscat is-somma ta' 309 skudi u 7 tari' għall-erbatax-il brazz tal-bronż arġentat.

Insibu wkoll, fl-istess ktieb tal-kontijiet, li fis-sena 1894 l-armla Valentina Muscat ħadmet kuruni tal-ward artifiċjali ta' madwar is-slaleb tal-kwadri. (8)

Fi żminijietna l-pittura tal-kwadri ġiet restawrata minn Ġ. Vassallo u l-gwarniċi ġew mill-ġdid indurati mid-ditta Coleiro tal-Belt.

IL-FESTA TAL-VIA SAGRA

Sa ftit snin ilu, din il-festa tal-Via Sagra kienet tinżamm fl-ewwel Ħadd tar-Randan. Il-kwadri jiġu mżejna b'kuruna tal-ward mas-slaleb u bukkett tal-glanutell bejn il-brazzi li dawn ikollhom xama' iddekorat. It-torċi li jakkumpanjaw is-salib tul il-Via Crucis jiġu mżejna bil-fjuri.

Il-funzjoni tibda f'xi t-tlieta ta' wara nofs in-nhar u kienet tispiċċa għall-ħabta tat-tmienja ta' bil-lejl. L-ewwel li kien isir kien ikun l-Għasar falsaburdun u warajh kienet tibda l-orkestra bil-vuċijiet li jkantaw tul il-funzjoni: responsorji, il-Vexilla u l-innu Stabat Mater. Il-predikatur kien jagħmel priedka ta' xi kwarta fuq kull stazzjon.

Ser inġibu kont tal-festa tal-Via Sagra ta' tmienja u tmenin sena ilu: (9)

Il-prokuratur tal-Via Crucis, Baskal Muscat, tal-Knisja Parrokkajil ta' Ħal Balzan jagħti lill-Organista Wiġi Aquilina, għall-Għasar falsaburdun u għall-festa tal-Via Crucis b'erba vuċijiet li saret is-6 ta' Marzu 1892.

	£	s.	d.
L-organista u vuċi għall-għasar falsaburdun		2	
Sopran		2	6
Tenur		2	6
Kontralt		2	6
Baxx		2	6
Ti ramantiċi (dak li jonfoh l-orgni)			6
Trasport tal-kantanti mill-Imdina		2	
Organista		5	
		19.	6

DEVOZZJONI TAL-VIA SAGRA

Il-Via Crucis issir għall-pubbliku fil-parroċċa ta' kull nhar ta' Ġimgħa wara l-quddiesa ta' fil-għaaxija.

Fir-Randan imqaddes il-Via Crucis issir kuljum fl-istess ħin. Matul is-sena tara persuni li jagħmlu privatament il-Via Sagra.

REFERENZI

1. DIMECH G. — HAL BALZAN Nru. 37
2. CANAVES J. — Visit. Past. Ark. Kurja
3. LABINI V. Visit. Past. Ark. Kurja.
4. Lib. 46 — Arkivju Parrokkjali.
5. Ibid. Cit.
6. Ibid. Cit.
7. Ibid. Cit.
8. Ibid. Cit.
9. Dok. 20 Ark. Parr.

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES
TELEPHONE: 41644

IL-KUNSILL PARROKKJALI TA' HAL BALZAN JORGANIZZA SEMINAR

Fil-laqgħa tal-Kunsill Parrokkjali f'Novembru li għadda, ġie deċiż li jsir Seminar biex jiġu studjati aktar fil-fond xi aspett mill-ħajja nisranija tal-komunita' Parrokkjali tagħna ta' Hal Balzan, bis-suġġett: "Il-Parroċċa, Komunita' ta' Fidi, Komunita' ta' Mħabba."

Għalhekk, fid-9 ta' Diċembru 1979, mad-disgħa ta' fil-għodu, bdejna niltaqgħu ħdejn il-knisja biex nitilqu għal Mt. St. Joseph bil-karozzi ta' l-istess membri tal-Kunsill.

Qabel l-introduzzjoni minn Dun Alwiġ Deguara, animatur tal-Kunsilli Parrokkjali, il-Kappillan ippreżentalna lil John Attard u lil Pier Grech Marguerat, żewġ novizzi ġiżwiti li bdew jagħtu sehem fil-ħidma pastorali tal-parroċċa tagħna. Ilkoll ilqajna bil-ferħ din l-aħbar u ħadna gost li dak in-nhar kienu se jgħaddu l-ġurnata magħna.

Dun Alwiġ imbagħad fisser l-iskop tas-Seminar. Huwa qalilna: "Iltqajna hawn illum biex nitolbu flimkien, biex nitkellmu ma' Alla fuq Hal Balzan bħala Parroċċa, illum; biex dak li joħroġ mix-xogħol tagħna jkun frott tat-talb." Fakkarna wkoll fil-kliem tal-Papa li qal f'waħda mill-viżti li qed jagħmel fil-parroċċi tad-djoċesi tiegħu ta' Ruma: "Għożżu l-Parroċċa tagħkom għax fiha ssibu t-twettiq tal-Missjoni tagħkom madwar il-Knisja. Komunità ta' Mħabba."

Imbagħad, inqsamna fi tliet "Workshops". Workshop "A" ittratta l-aspett kateketiku, "B" dak ta' Komunità nisranija u "C" ħa l-aspett liturġiku. Il-punti tal-"Workshops" thejjew minn Dun Ġwann Dimech. Kien hemm ħafna materjal fuqiex wieħed jistudja u jirrifletti, tant li ż-żmien ma ppermettiex li nilħqu l-punti kollha. Għalhekk, illimitajna ruħna f'dak li dehrilna li hu l-aktar essenzjali, bil-ħsieb li nagħmlu "follow up" fil-laqgħat suċċessivi tagħna.

F'nofs in-nhar kellna Quddiesa Komunitarja. Waqt dan is-Sagrifiċċju Ewkaristiku, aħna xtarrejna flimkien il-**Kelma Ta' Alla** u ssaħħaħna mill-Ikla Qaddisa tal-**Ġisem u d-Demm ta' Kristu.**

Wara l-pranzu fis-2.30 p.m., it-tliet gruppi ltqajna flimkien, biex inressqu s-suġġerimenti li saru fil-"Workshops" u ċċarajna xi punti li ġew studjati. Fl-aħħarnet, il-Kappillan ħeġġiġna u nsista ħafna fuq il-bżonn li niltaqgħu aktar ta' spiss biex nitolbu flimkien. Għalaqna mbagħad bl-adorazzjoni u Benedizzjoni Sagramentali.

Jiena personalment inħoss li kienet ġurnata hienja fit-talb u studju serju fuq il-ħajja nisranija tal-Komunità Parrokkjali tagħna. Nittama li l-Mulej ibierek l-isforzi tal-Kappillan u ta' kull min ħa sehem f'dan is-Seminar bil-grazzja Tiegħu, ħalli l-poplu tagħna ta' Hal Balzan ikun dik ix-xbiha tal-ewlenin insara, kif naqraw fl-Atti ta' l-Appostli: "Il-ġemgħa kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda."

Sr. M. Martha Martinelli R.G.S

MATUL IS-SNIN (7)

TLIET CENSIMENTI 1842 - 1851 - 1861

Skond iċ-ċensiment li sar fl-1842, insibu li l-popolazzjoni ta' **Hal Balzan kienet tlaħħaq** 557 ruħ, li minnhom 259 kienu rġiel u 298 kienu nisa. Disa' snin wara, fl-1851, sar ċensiment ieħor u minnu nafu li l-popolazzjoni ta Hal Balzan kienet telgħet għal 639 ruħ. (1)

Iċ-ċensiment li sar fil-31 t'Ottubru 1861 huwa interessanti ħafna minħabba t-tagħrif li fih. Minnu nafu li f'dik is-sena f'Hal Balzan kien hemm 662 ruħ (277 rġiel u 385 nisa) li kienu joqogħdu f'dawn it-toroq:

Strada Reale, Vicoli e Vallone	370
„ Santa Maria e Vicoli	125
„ Dietro la Chiesa	8
„ Tre Chiese	109
„ Provvidenza e Vicolo	39
Interior Police Force	1 (2)

Iċ-ċensiment jagħtina wkoll tagħrif dwar il-qagħda soċjali tal-Balzanin. Il-kleru kollu tar-raħal kien ilaħħaq 14. Fir-raħal kien hemm ukoll joqogħdu 4 nobbli, 20 proprjetarju ta' l-art, spiżjar, nutar, 2 impegati mal-Gvern, pensjonant tal-Gvern, 2 pitturi, u 7 neguzjanti.

Uħud min-nies tar-raħal kienu jaqilgħu l-ħobż tagħhom mir-raba'. Fil-fatt insibu 12-il bidwi li kellhom ir-raba' tagħhom, 24 oħra li kienu jqabblu r-raba' li jaħdmu, u 11-il ħaddiem ieħor tar-raba'. Kien hemm ukoll numru ta' nies tassengħa, u l-akbar numru kien ta' dawk li jaħdmu fil-bini; dan kien ilaħħaq 39. Kien hemm ukoll fir-raħal 4 mastrudaxxi, ħaddied, u 2 furnara. Għoxrin ruħ kienu jagħmlu xi xogħol fil-qoton, fil-waqt li 5 kienu 'straw workers'. Fir-raħal kollu persuna waħda biss kellha l-professjoni ta' tallab. (3).

(1) A. Giglio. Comments ad Tables. An illustration of the statistical abstracts of the census of the population of Malta, for the year 1851 (Malta 1853), p.27, 35.

(2) Census of the Islands of Malta, Gozo and Comino, taken on the 31st October 1861 (Malta 1863), p.2, 28.

(3) Ibid. p.60, 62, 64.

WINSTON L. ZAMMIT B.A. (Hons.), M.A.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Tkun ħaġa wisq sabiħa li sewwa sew f'egħluq is-Sena tat-Tfal 1979 ngħidu xi ħaġa żgħira dwar is-sena 1980 lil lilna l-Maltin tfakkarna f'wieħed mill-ikbar benefatturi tat-tfal li kien Dun Ġorġ Preca.

Ftit huma dawk it-tfal, subien u bniet, li ftit jew wisq ma semgħux xi ħaġa żgħira fuq dan is-saċerdot qaddis li għadda ħajtu kollha jinteressa ruħu fil-ġid tat-tfal u li l-opra tiegħu tat-tagħlim għadha dejjem tikber kuljum.

F'din is-sena 1980, Malta kollha qed tfakkar għeluq il-100 sena mit-twelid ta' dan is-saċerdot, u bosta kienu dawk it-tfal li fl-iskola kitbu xi ħaġa dwaru. Il-Gvern stess ser joħroġ bolla speċjali li biha jpoġġi lil Dun Ġorġ fost in-nies kbar li għamlu ġid kbir u unur lil pajjiżhom.

Fi tfulitu, Dun Ġorġ ma kellu xejn speċjali minn tfal oħra għajr li dejjem fittex li jħobb b'qalbu kollha 'l Alla u li jgħin lil kulħadd f'kull bżonn tiegħu. Kien tifel li jħobb l-istudju u spiss kien jiġi minn ta' l-ewwel fl-eżamijiet.

Il-Knisja f'Malta ġa tat bidu biex dan is-saċerdot maħbub minn kulħadd jiġi magħruf mad-dinja kollha bħala qaddis għax rat kemm swielha ta' ġid speċjalment fit-tixrid tal-kelma t'Alla lill-kbar u ż-żgħar.

Għalhekk, għeżież tfal, tkun ħaġa sabiħa li intom tinteressaw ruħkom fil-ħajja ta' dan is-saċerdot u tippruvaw taqraw xi ftit minn dak li għamel u kiteb, u b'hekk taraw b'għajnejkom stess kemm kien bniedem li ħabbkom minn qalbu u fittex dejjem li jagħmlilkom il-ġid.

Dan tistgħu tagħmluh billi issa, li f'kull familja ser titqassam il-ħajja tiegħu mingħajr ebda ħlas, intom tkunu tistgħu taqrawha u titgħallmu minnha ħafna ġid speċjalment għal ruħkom.

KOMPETIZZJONI

Tfal,

Erġajna wasalna għal kompetizzjoni oħra. Din id-darba ħsibna li nagħmlulkom xi ftit qwiel, jew proverbji. Hawn għandkom għaxar qwiel imqallbin. Kull ma għandkom tagħmlu hu li tiktbuhom kif suppost li jinqraw. Mela l-għaxar qwiel imqallbin huma dawn li ġejjin:

1.	Xemx u xita	aktar trid.
2.	Alla ma jħallasx	għax ħażina ilha.
3.	Bogħod mill-għajn	u aqta' darba.
4.	Akbar m'int	u imxi għal għajn in-nies.
5.	Alla jibgħatha tajba	akbar hemmek
6.	Aktar ma għandek	bogħod mill-qalb.
7.	Qis mitt darba	b'in-nhar ta' Sibt.
8.	Il-bastiment ma jimxix	b'żewġ kaptani.
9.	Kul għal qalbek	Alla jaf meta.
10.	Xemx li ma ssaħħanx	aħjar il-bard ta' Jannar minnha.

Bħas-saltu, meta tkunu ktibtuhom kif għandhom jinqraw, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u indirizzawh lill-Każin tal- Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letter box ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 3 ta' Mejju 1980.

L-ismijiet ta' l-aħħar kompetizzjoni kienu:—
ta' l-irġiel: Pietru; Karmnu; Baskal.
tan-nisa: Marija, Lureta, Rożina.

Ir-rebbieħa hija Simone Calleja, li toqgħod "Belleview", St. Valentine Str., Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

DUN ĠORĠ —MITT SENA MINN TWELIDU 1880 - 1980

PROGRAMM TA' TIFKIRA FIL-PARROĊĊA TA' HAL BALZAN

Il-Hadd	4 ta' Mejju.	**Quddiesa Speċjali għat-Tfal fil-Knisja Parrokkjali, fis-7.30 a.m.**
It-Tlieta	6 ta' Mejju.	**Laqgħa ta' Tifkira għas-Sorijiet fil-kappella tal-Museum (25, Triq it-Tliet Knejjes), fil-5.00 p.m.**
Il-Ġimgħa	9 ta' Mejju.	**Quddiesa Konċelebrata ta' Ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali, fis-6.30 p.m.**
Is-Sibt,	10 ta' Mejju.	**Laqgħa Speċjali għaż-Żgħażagħ fil-kappella tal-Museum, fis-7.30 p.m.**
Il-Hamis,	15 ta' Mejju.	**Siegħa Adorazzjoni mill-kitba ta' Dun Ġorġ fil-Knisja Parrokkjali fis-7.00 p.m.**
Il-Hamis,	22 ta' Mejju.	**Laqgħa ta' Tifkira għall-imseħbin tal-Każini ta' Hal Balzan. Issir fil-kappella tal-Museum fis-7.30 p.m.**
Il-Ġimgħa,	23 ta' Mejju.	**"Dun Ġorġ u l-Għaqda tiegħu" — Feature bis-'slides' fis-Sala Parrokkjali, fis-7.30 p.m.**
Il-Gimgħa,	30 ta' Mejju.	**"Dun Ġorġ u l-Madonna", Programm Marjan fil-Knisja Parrokkjali. Dan isir wara l-korteo bil-Madonna li jibda minn ħdejn il-Museum fis-7.00 p.m.**

IL-KAZIN MARIJA ANNUNZJATA

90 Sena ta' Hajja u Hidma għall-Gid ta' Hal Balzan

Din is-sena, is-Soċjetà Marija Annunzjata tagħlaq 90 sena mit-twaqqif tagħha. Din hija sena memorabbli għas-Soċjetà tagħna, sena li tfakkarna fil-fundaturi tas-Soċjetà, f'kull amministratur u membru tul dawn id-90 sena.

Is-Soċjetà li jien għandi l-unur li nkun President tagħha hija l-ewwel soċjetà li twaqqfet f'Hal Balzan, u minn dak in-nhar sal-lum ma naqset qatt mid-dmir sagrosant li tieħu parti attiva fiċ-ċelebrazzjonijiet esterni tal-festa ta' Marija Annunzjata, Patruna ta' Hal Balzan.

Dan sar bil-għaqal, il-ħidma, il-ħila u d-dehen ta' l-ewwel membri, li xejnu kull diffikultà, ħallew kull problema, għamlu kull sagrifiċċju biex iffurmaw din is-Soċjetà, li sal-lum għadha taqdi dmirha lejn il-festa titulari u lejn ir-raħal tagħna.




MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT TAL-KAŻIN

PAWLU GRIMA

Ningħaqdu magħhom f'dan ix-xogħol ta' fejda u ngħożżu dejjem dan l-idejal li writna minn għandhom u li rridu nwassluh lil ta' warajna, u li ngħożżu t-triq li fetħulna l-fundaturi ta' din is-Soċjetà, triq li tieħu għall-progress, biex b'hekk ukoll inżommu s-Soċjetà Marija Annunzjata dejjem ħajja, dejjem żagħżugħa, u dejjem f'saħħitha.

Għal din is-sena, bħala tifkira, is-Soċjetà għamlet ħaġa li ma hijiex tas-soltu, u waqt riċeviment għall-membri tagħha, fl-okkażjoni ta' l-aħħar tas-sena 1979, hija b'sorpriża għall-membri rregalatilhom Kalendarju b'tifkira u l-għada tqassam fid-djar fil-parti t'isfel tar-raħal.

Qabel nagħlaq, ikun xieraq li niftakru f'dawk kollha li f'dawn id-90 sena ħadmu tant għall-każin kif ukoll għall-festa ta' Marija Annunzjata. Mingħajr l-ebda dubju, kien il-patrijottiżmu u l-imħabba li dejjem ħassew lejn il-każin u lejn il-festa li qanqalhom jagħmlu dak li għamlu. Ta' dan kollu, aħna nibqgħu nafuhulhom għal dejjem. Jiena nwiegħed ukoll li minn ħarġa oħra nibdew nippubblikaw l-istorja tas-Soċjetà.



Il-Każin MARIJA ANNUNZJATA fl-okkażjoni tal-Festa Titulari

YOU CAN STOP SMOKING TODAY

SOULS NO SMOKING LOZENGES

SUCK A NO SMOKING LOZENGE WHENEVER YOU FEEL THE DESIRE TO SMOKE. IN NO TIME YOU CAN BE OUT OF THE SMOKING HABIT. (see instructions)

TRADE ENQUIRIES:

Mc ALLEF COMPANY LIMITED

Tel. 26762

DUN ĠORĠ

• minn paġna 1

u bil-verità, kelma ħajja, sempliċi, ħafifa, li tibqa' dieħla dritt fil-qalb, imħabba li tfittex li tkun ta' servizz għal ħaddieħor. Dawn il-kwalitajiet kienu hekk jiddu f'Dun Ġorġ li ma setgħux ma jagħmluhx kbir, mhux biss fil-għajnejn t'Alla imma wkoll f'għajnejn ħutu l-Maltin, li raw fih "il-bniedem t'Alla".

Dun Ġorġ kien ukoll appostlu tal-kitba. Hallielna għadd kbir ta' kotba reliġjużi u ħafna kitba devozzjonali, li jagħmluh wieħed mill-kittieba reliġjużi l-aktar prolifiċi f'pajjiżna. Għax Dun Ġorġ kien jemmen li l-kitba ferm aktar qawwija mix-xabla biex tirbaħ il-bnedmin. Il-kitba ta' Dun Ġorġ tirrifletti bniedem konvint minn dak li qed jikteb, bniedem li l-ħajja nisranija kien igħixha fir-reqqa tagħha, bniedem li fehem lil Kristu u li studjah, u għax studjah u fehmu jista' jwasslu lill-qarrejja b'mod awtentiku. Fl-istess ħin Dun Ġorġ kien bniedem prattiku, u fittwettiq tal-prinċipji nsara kien imur dritt fil-qalba bla ma jintilef fuq dak li hu superfiċjali.

Dawn il-karatteristiċi marbutin flimkien f'armonija perfetta jagħmlu minn Dun Ġorġ appostlu ta' żmienna, Malti għall-Maltin, li mingħajr pretensjonijiet u għerf speċjali, iżda bi ħlewwa u sempliċità kbira, wera t-triq tal-veru għerf, Kristu Msallab, li fih kien jara il-"Ktieb il-Kbir" li fuqu n-nisrani għandu jfassal ħajtu.

MEMBRU

PROBLEMI TAL-FAMILJA:

IL-KUNTEST STORIKU

Minn Adrian Camilleri Flores B.A. (Hons.)

Xi kull tant nisimgħu li l-familja qiegħda fil-periklu. Kemm hu veru dan? Ftit jew xejn. Kull ma hu qed jiġri hu li, minħabba fatturi soċjali w ekonomiċi barra mill-kontroll ta' kulħadd, il-forma tal-familja qed tinbidel, kif diġà nbidlet kemm-il darba fl-imgħoddi.

Il-familja tal-lum, dik li trabbejna fiha u li aktarx nieħdu bħala mudell meta niżżewġu, hija forma transitorja li ilha teżisti biss xi tliet mitt sena (f'Malta inqas), u li forsi baqgħalha xi ħamsin sena oħra.

Karatteristika ewlenija tagħha hija s-separazzjoni mid-dinja tax-xogħol. Din ħaġa pjuttost ġdida. Fis-soċjetà agrikola ta' l-imgħoddi, il-familja kollha kienet tieħu sehem fil-koltivazzjoni tar-raba' u t-trobbija tal-bhejjem. Ir-rabta bejn familja u xogħol kienet waħda integrali.

Ovvjament dir-rabta kienet l-aktar qawwija fil-ħajja bidwija. Iżda ma kinetx nieqsa f'oqsma oħra. Ġużeppi l-mastrudaxxa, per eżempju, kellu l-ħanut id-dar. F'kwalunkwe ħin tal-ġurnata, il-Madonna setgħet tarah u tkellmu, u Ġesù stess ta' spiss kien igħinu f'xogħlu. L-għaqda f'familja bħal din bil-kemm nistgħu noħolmuha llum.

Il-kriżi preżenti fil-familja bdiet bir-Rovoluzzjoni Industrijali, meta l-irġiel bdew imorru jaħdmu ġo fabbriki jew uffiċċji u jinqatgħu għal sigħat twal mid-djar u l-familji tagħhom. It-tfal ukoll ħarġu mid-dar — l-ewwel, fl-agħar snin tar-Rivoluzzjoni Industrijali, biex jaħdmu, u mbagħad biex imorru l-iskola.

Il-mara biss baqgħet qisha postha d-dar (għall-inqas fit-teorija, għax fil-prattika s-soċjetajiet industrijali dejjem kellhom minoranza kbira jew maġġoranza tan-nisa jaħdmu).

Is-soċjetà stenniet mir-raġel li jmantni l-familja, imma stenniet ferm aktar mill-mara, tant li għaliha l-familja saret, biex ngħidu hekk, "full-time job'. B'hekk ir-responsabbiltà għall-familja, li dari kienet ħaġa kollettiva, waqgħet kważi għal kollox fuq spallejha, u nħolqu diversi problemi li m'għandniex spazju neżaminawhom hawnhekk. Biżżejjed ngħidu li fil-familja tal-ġejjieni jidher li r-responsabbiltajiet ser ikollhom jinqasmu b'mod aktar ugwali.

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Twieldu għall-grazzja bil-Magħmudija

Steven Grech, bin Joseph u Marcelle.
Caroline Gatt, bint John u Tessie.
Stephanie Fenech, bint Joseph u Marianne.
Sabrina Anne Friggieri, bint Joseph u Marthese.
Nadia Mifsud, bint Emmanuel u Connie.
Karl Meilak, bin Oliver u Doris.
Karina Bonnici, bint Charles u Mary Anne.
Victor Borg, bin Joseph u Sylvia.
Tonio Micallef, bin Vincent u Nathalie.
Victor Borg, bin Joseph u Frances .
Erica Bonett, bint Ramon u Helen.
Karl Meilak, bin Oliver u Agnes.
Vanessa Bonnici, bint Raymond u Carmen.
Edward Camilleri, bin Ralph u Celine.
Mario Pirotta, bin Thomas u Agnes.
Marguerite Attard, bint George u Marika.
Stephen Ellul, bin Victor u Sylvia.
Noel Ellul, bint Victor u Sylvia.
Moira Galea, bint Daniel u Anna.
Rowland Henry Hutchinson Erwood.
Marie Katherine Erwood.
Mary Rose Vella, bint Manuel u Helen.
Michaela Spiteri Maempel, bint Mario u Anna.
Janella Said, bint Joe u Julie.
Urian Aloisio, bin Anthony u Grace.

Ingħaqdu fi żwieġ nisrani

Edwin Borg u Anna Fenech.
Raymond Sciberras u Pauline Micallef.
Alfred (Eddie) Debattista u Anna Debono.

Ittajru għal ħdan il-Hallieq

Carmela Aquilina.
Joseph Brincat.
Spiridione Xuereb.
Sr. M. Celeste Hedley, tas-Sorijiet tal-Karità.
Mary Portelli.
Onorata Borg.
Rosaria Grima.
Rita Ellul.
Sr. Francesca Balzan, tas-Sorijiet tal-Karità.
Dolores Scicluna.